## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Rennie Fava ta' 21 sena, iben Paul u Josephine nee Zammit imwieled Pieta nhar is-26 ta' Marzu, 1994 u residenti 74 Triq San Guzepp Sqaq Nru 3 Zabbar detentur tal-karta tal-identita b'numru 148994(M)**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2015.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra Rennie Fava ta' 21 sena iben Paul u Josephine nee Zammit imwieled Pieta nhar is-26 ta' Marzu, 1994 u residenti 74 Triq San Guzepp Sqaq Nru 3, Zabbar detentur tal-karta tal-identita b'numru 148994(M) u akkuzat talli fil-15 ta' Ottubru, 2015 u jew fil-jiem ta' qabel, f'Malta ghen jew assista lil xi persuni biex jinzlu l-art jew jittantaw jinzlu l-art f'Malta, jew li joqghodu gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuni biex jinzlu l-art jew jittantaw jinzlu l-art, jew li joqghodu gewwa, jew li jitilqu minn xi Stat iehor bi ksur tal-Ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dal l-Istat, jew jahbi jew jaghti kenn lil xi persuni li jkun jaf, jew ikkolhu tassew ghax jahseb, li jkun qieghed f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att (Kap 217, Sec 32 (1a) tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli sirt recidiv b`sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta mill-Mag Dr G Vella LLD u dan bi ksur tal-Kap 9 art 50;

Il-Qorti hija gentilment mitlubha sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-vettura tat-tip RAV 4 bin-numru ta' registrazzjoni NIC 420.

Rat il-Ligi senjatament Sec. 32 (1a), tal-Kap. 217 u l-Art. 50 tal-Kap. 9.

Saret it-trattazzjoni da parti tal-partijiet.

Il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni.

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' 18 il-xahar sospizi ghal 4 snin kif wkoll multa ta' €6,000 fuq medda ta' 60 xahar b' effett mil-1 ta' Dicembru, 2015, b' dana illi jekk jonqos pagamet wiehed, l-ammont kollu jigi konvertit f' habs.

***Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***